

Brussell, 3 ta' April 2025
(OR. en)

7664/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0061(BUD)**

**FIN 364
SOC 189**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7464/25 (COM(2025) 1 final)
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju (EGF/2024/003 BE/Van Hool) – <i>Approvazzjoni</i>

1. Fis-26 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkumpanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2025¹.
2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza ammont ta' EUR 8 miljun taħt il-FEG biex tissodisfa applikazzjoni mill-Belġju biex jintuża l-Fond wara s-sensja tal-ħaddiema f'Van Hool N.V. (manifattur ta' kowċijiet u vetturi industrijali), sabiex tingħata assistenza għar-riintegrazzjoni tal-2 397 benefiċjarju fil-mira fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-kriterji ta' intervent stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2021/691².

¹ Dokument 7466/25.

² Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' April 2025 u seta' japprovaha.
 4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jagħti parir lill-Kunsill japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 7665/25.
-